

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 191/2008**tad-29 ta' Frar 2008****li jistabbilixxi d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Marzu 2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tal-kunsill fir-rigward ta' dazji fuq l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NK 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ ta' kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju ta' l-importazzjoni huwa daqs il-prezz ta' l-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt ta' l-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkunċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jstax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.
- (2) L-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju għall-importazzjoni msemija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu msemmi, għall-prodotti msemija hawn fuq kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.

- (3) L-artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 ippreċiża kif jinħadem il-kalkolu tad-dazji ta' l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NK 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, Dan huwa l-prezz rappreżentattiv ta' l-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilita skond il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 ta' l-imsemmi regolament.

- (4) Huwa xieraq li d-dazji ta' l-importazzjoni japplikaw għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2008 u għandhom japplikaw sa meta jiġu stabbiliti u jidħlu fis-seħħ dazji ta' l-importazzjoni ġodda.

- (5) Madankollu, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2008 ta' l-20 ta' Diċembru 2007 li jdaħħal sospensjoni temporanja tad-dazji ta' l-importazzjoni ta' ċerti ċereali għas-sena tas-suq 2007/2008 ⁽³⁾, l-applikazzjoni ta' ċerti dazji stabbiliti minn dan ir-Regolament hija sospiża,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Marzu 2008 d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija fl-Anness II.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil Brussel, 29 ta' Frar 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6). Ir-Regolament (KE) Nru 1784/2003 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

⁽²⁾ ĠU L 161, 29.6.1996 p. 125. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1816/2005 (ĠU L 292, 8.11.2005, p. 5).

⁽³⁾ ĠU L 1, 4.1.2008, p. 1.

ANNEX I

Dazji fuq l-importazzjoni ta' prodotti msemija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 applikabbli mill-1 ta' Marzu 2008

Kodiċi NK	Isem tal-merkanziji	Dazju ta' l-importazzjoni ⁽¹⁾ (EUR/t)
1001 10 00	QAMĦ iebes ta' kwalità għolja	0,00 (*)
	ta' kwalità medja	0,00 (*)
	ta' kwalità baxxa	0,00 (*)
1001 90 91	QAMĦ għaż-żriġh	0,00
ex 1001 90 99	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żriġh	0,00 (*)
1002 00 00	SEGALA	0,00 (*)
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żriġh minbarra dak ibridu	0,00
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żriġh ⁽²⁾	0,00 (*)
1007 00 90	SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żriġh	0,00 (*)

⁽¹⁾ Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

- EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'
- EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

⁽²⁾ L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

(*) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1/2008, l-applikazzjoni ta' dan id-dazju hija sospiża.

ANNEX II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

15.2.2008-28.2.2008

1. Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

(EUR/t)

	Qamħ (*)	Qamħirrum	Qamħ iebes kwalità għolja	Qamħ iebes, kwalità medja (**)	Qamħ iebes kwalità baxxa (***)	Xgħir
Borża	Minnéapolis	Chicago	—	—	—	—
Kwotazzjoni	463,59	141,24	—	—	—	—
Prezz FOB USA	—	—	569,34	559,34	539,34	178,87
Tariffa fuq il-Golf	55,04	13,93	—	—	—	—
Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar	—	—	—	—	—	—

(*) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(**) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(***) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

2. Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż il-Golf tal-Messiku–Rotterdam 43,67 EUR/t

Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: 36,72 EUR/t